

Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9615/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0091 (BUD)**

**FIN 609
PE-L 22**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali 2025: Dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2024

1. Fid-9 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali 2025 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2024¹.
2. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2024 turi *surplus* ta' EUR 1 344.53 miljun li jirriżulta minn:
 - (a) eżitu pożittiv fil-parti tad-dħul tal-baġit (+EUR 1 071.99 miljun), li minnhom:
 - Titolu 1 (Riżorsi proprji): -EUR 123.13 miljun
 - Titolu 2 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti): +EUR 36.19 miljun
 - Titolu 3 (Dħul Amministrattiv): +EUR 83.78 miljun

¹ Dokument 7817/25.

- Titolu 4 (Dħul Finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi): +EUR 1 210.71 miljun
- Titolu 6 (Dħul, kontribuzzjonijiet u refużjonijiet relatati ma' politiki tal-Unjoni): -EUR 135.55 miljun

(b) sottoimplimentazzjoni fil-parti tan-nefqa tal-baġit (-EUR 272.54 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2024 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 77.84 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati minn snin preċedenti (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 151.06 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju fuq in-nefqa: -EUR 43.63 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2025.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 1/2025 fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' April 2025, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2025 kif tinsab fil-punt 3;
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, kif tinsab fid-dokument 9617/25, *fIl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għas-sena finanzjarja 2025², adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2025.

(Formola tal-għeluq).

² Id-dokumenti ST 9619/25 + ADD 1.